MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1901/2001/1

**Trudel Camilleri Balzan**

**vs**

**Wayne Camilleri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-11 ta' Settembru 1993 (ara Dokument "TCB1";

Illi mill-imsemmi zwieg kellhom tifel Tristan Camilleri;

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u/jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

1. Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fil-11 ta' Settembru 1993 huwa null u minghajr ebda effett fil-ligi;

Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 5 tal-process;

Rat il-verbal tal-14 ta' Marzu 2002 fejn inghata digriet affidavit ghall-attrici b'terminu ta' 50 gurnata.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 3 ta' Gunju 2002 fejn talbet li jkollha estensjoni ghat-terminu tal-prezentata tal-affidavits taghha.

Rat il-verbali tal-5 ta' Gunju 2002 fejn il-Qorti estendiet iz-zmien ghall-prezentata tal-affidavits b'erbghin (40) jum iehor, u nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju biex jisma' l-provi f'din il-kawza. Dr. Noel Bartolo ghall-attrici pprezenta zewg affidavits *seduta stante*. Il-kawza thalliet ghal sentenza in *difetto ostacolo* ghall-lum 12 ta' Dicembru 2002.

Rat in-nota tal-attrici datata 12 ta' Lulju 2002 li permezz taghha esebiet kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni personali minn ma' zewgha bid-data tal-10 t'Ottubru 2000 fl-atti tan-Nutar Dr. Sandra Valentino.

Rat in-nota tal-attrici tal-11 ta' Settembru 2002 li permezz taghha esebiet tliet affidavits.

Rat ir-rikors tal-attrici tat-30 ta’ Ottubru 2002 fejn talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex tipprezenta nota t’osservazzjonijiet, liema talba giet milqugha mill-Qorti b’digriet tal-1 ta’ Novembru 2002.

Rat l-istess nota t’osservazzjonijiet tal-attrici.

Rat li minkejja li gie debitament ingunt bic-citazzjoni attrici l-konvenut baqa’ ma pprezenta ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attrici** fl-affidavit taghha sostniet illi:-

*“Jiena nibda biex nikkonferma l-kontenut kollu tad-dikjarazzjoni tieghi Ii hemm annessa mac-citazzjoni.*

*Ghandi nghid Ii jiena zzewwigt lill-konvenut fil-11 ta' Settembru 1993. Jiena dak iz-zmien kelli sbatax (17)-il sena u Wayne kellu tnejn u ghoxrin (22) sena. Iz-zwieg taghna sa mill-bidu nett ma kien zwieg xejn peress illi qatt ma ffurmajna bejnietna dik l-unjoni Ii hi verament rikjesta fi zwieg veru. Hekk kif jidher minn dan Ii gej.*

*Wayne huwa t-tieni tifel minn sebgha. Ommu dejjem trattata bhala skjava fid-dar kemm minn missieru kif ukoll mill-istess hutu u minnu. Missieru huwa l-kap Ii jikkmanda u jordna u kulhadd irid joqghod biss ghal dak Ii jghid hu. Fil-fatt missier Wayne kien jordna l-hin kollu u t-tfal kienu jibzghu minnu u jekk ma jaghmlux dak Ii jghid hu jsawwathom. Fil-fatt niftakar car daqs il-kristall illi f’okkazjoni minnhom missieru kien anke sawwat lil Wayme fil-prezenza tieghi u dan meta Wayne gja` kellu l-eta` tieghu u kellu ghoxrin (20) sena u niftakar Ii Wayne barra Ii hassu umiljat bhala ragel li huwa maggorenni u missieru*

*qed jerfa' jdejh fuqu, safa wkoll imwegga' bid-daqqiet ghax kien anke qasamlu xufftejh bid-daqqa. Ma niftakarx ghaliex ezatt kien is-swat pero' naf cert illi kienet fuq xi cucata. Tant hu hekk li jiena ma niftakarx x'kienet. Fil-fatt naf li missieru kien jerfa' jdejh anke fuq affarijiet trivjali.*

*Darba minnhom xi xahar wara li zzewwigna, jien kont ghand omm Wayne u ma kellix guh. Missieru riedni bilfors niekol u meta ghidltu li ma kontx se niekol ghax m'ghandix guh, tant irrabja li qam minn fuq il-mejda u kisser 'bowl' ghax riedni bilfors naghmel dak li ried hu.*

*Missieru jahdem security u ghandu paga normali. Pero' ommu taraha dejjem nieqsa mill-affarijiet essenzjali bhal hwejjeg, etc. Fil-fatt missieru jonfoq il-paga kollha fl-affarijiet li jrid hu, u l-mara dejjem nieqsa fil-fatt kemm kont ili nidhol ghandhom omm Wayne dejjem id-dar bl-istess tliet bicciet hwejjeg uhud anke mqattghin, qisha skjava.*

*Darba minnhom ohtu l-kbira fethet il-'fridge' u sabet bicca gobon u haditha. Missierha taha xebgha liema bhala ghax dawk kienu tieghu u hadd ma jista' xejn li hu tieghu u ghal kollox trid titlob permess. Kulma hemm fid-dar huwa tieghu. L-ahwa kollha jobghodu lill-missierhom u jiddisrispettaw bil-kbir lil ommhom ghax qatt ma waqfet lil missierhom jew waqqfitu milli jsawwathom. Hi kienet tibza' minnu u allura kienet thallih jaghmel li jrid.*

*Wayne jobghod lil missieru b'mod partikolari aktar u aktar wara dik ix-xebgha li kien tah fil-prezenza tieghi u Wayne kien stqarr mieghi li ser jaghmel minn kollox biex jitlaq mid-dar ghax ma felahx aktar jghix id-dar. Huwa ried akkost ta' kollox jahrab u jitlaq mid-dar ghax kien ihossu qisu go habs. Ghalhekk nghid u llum nirrejalizza illi Wayne zzewweg lili biss biex ikollu skuza tajba biex jitlaq mid-dar u jghix ghal rasu. Fil-fatt mhux l-ewwel darba li stqarr mieghi kemm kien imdejjaq id-dar u li kellu seba' mitt sena sakemm jitlaq. Wayne qatt ma ried jifforma familja jew jiehu z-zwieg bis-serjeta` ghax 'deep down' bhala karattru huwa hafna bhal missieru. Pero' z-zwieg mieghi kien l-uniku mod kif jahrab u jehles minn missieru u partikolarment mid-dwejjaq tad-dar ta' ommu.*

*Il-familja tieghi minn naha l-ohra hija kostruwita kollha fuq l-imhabba u r-rispett reciproku u dejjem rajt 'l ommi u 'l missieri fl-imhabba lejn xulxin, haga li gatt ma rajt ghand Wayne u li fil-fatt qatt ma esperjenzajt jien stess ma' Wayne. Jiena ghandi ohti u zewg huti subien kollha akbar minni. Ommi dejjem ghallmitna tajjeb u l-valuri tajbin.*

*II-perijodu ta' korteggjament taghna li ma kien korteggjament xejn ghax kif ser nispjega ma konna niltaqghu kwazi qatt u aktar mifrudin milli ma' xulxin, damet xi tliet snin u nofs, erba' snin.*

*Wayne minn dejjem kien it-tip ribelluz, imdejjaq dejjem bin-nervi u jien kont nithassru u dejjem qisni rrid nghinu. Minhabba l-karattru vjolenti tieghu jien kont nibza' nitilqu. Fil-fatt wagt il-korteggjament taghna jien hafna drabi ridt nitilqu lil Wayne ghax kont narana li m'hu qed naslu mkien, izda hu kull darba li jien kont nispicca minn mieghu huwa kien jigi jigri warajja u jghidli biex nibqa' mieghu.*

*Waqt il-korteggjament qatt ma konna nohorgu u hu qatt ma kien johrogni jew jaghtini attenzjoni. Kien dejjem jghid li ma nistghux nohorgu ghax ma naffordjawx. Biex niehu xi rigal minn ghandu kien biss wara li nkun ili nghidlu hafna u biss ghax tant jurtani li konna nispiccaw niggieldu. In-nuqqas ta' nteress tieghu kien xi haga li llum ninduna ma kien ifisser xejn hlief li Wayne assolutament ma kienx ihobbni u ma kellu ebda nitfa ta' ntenzjoni li jifforma zwieg mieghi. Kien biss mieghi biex jahrab mid-dar tieghu u xejn aktar. Fil-fatt ma kienx jimpurtah. Kien joqmos biss meta nitilqu u kien jghidli biex nibqa' mieghu ghax kellu bzonni.*

*Nghid illi ahna spiccajna diversi drabi qabel it-tieg u gieli ghall-perijodi twal. Niftakar li xi senetjn wara li bdejna nohrogu flimkien Wayne kien qalli li huwa ma jafx jekk jippreferix lili jew il-hbieb. Mill-attitudni tieghu kien jidher car li jippreferi l-hbieb. Dakinhar niftakar li hu kien qal lil xi habib li qieghed mieghi biss ghax jithassarni. X'hin sirt*

*naf jien tlaqtu u ma ridtx naf bih u missieri keccih mid-dar taghna. Huwa rega' gie biex jirranga izda jien ma ridtx u missieri qallu biex ma jersaqx lejja. Wara xi gimgha rega' gie jghidli biex nohorgu flimkien u jien thassartu u accettajtu lura. Pero' dak kien l-akbar zball ta' hajti. Kont ghadni zghira u Wayne kien l-ewwel 'boyfriend' tieghi u ma kontx ghadni naf ngharbel. Illum-il gurnata nghid li kieku kellu aktar sens f'mohhi mhux talli ma kontx nerga' naccettah talli zgur li ma kontx nizzewgu ghax Wayne mhux tajjeb ghaz-zwieg.*

*Peress li Wayne kien jghidli biex ma nohorgux ghax ma naffordjawx jien dejjem hsibt li kien qed igemma ghalina. Pero' kont zbaljata. Dak iz-zmien huwa kellu karozza u Wayne kien litteralment iffissat u mignun fuqha. Kien ossessjonat fuq il-karozza. Jippreferi lilha minni. Tant hu hekk li ma kien iwassalni qatt imkien biha u m'ghandekx cans li se jislifhieli jew irikkibni fiha ghax jew naghmlilha l-hsara jew inhammigha.*

*Il-preparamenti tat-tieg hadt hsiebhom kollha, mill-bidu sa l-ahhar jien, u Wayne lanqas kaz. Lanqas biss indenja ruhu almenu jwassalni xi postijiet, ghax kien jghidli li jew m'ghandux petrol jew mhux tajjeb li juza l-karozza hafna.*

*Peress li ommu kienet dejjem nieqsa mill-flus kif ghidt fil-bidu, ghax missier Wayne ma kien itiha xejn, ma kienx hemm cans li missieru kien ser jixtrilha xi libsa ghat-tieg, allura kelli jien nixtrilha libsa, kompluta biz-zarbun, 'hand-bag' etc. biex almenu tkun daqsxejn prezentabbli u dicenti. Fil-fatt barra 'l ommu spiccajt nixtri libsa wkoll lil ohtu z-zghira. Qatt m'ghidt lill-genituri tieghi b'dan ghax kont nisthi.*

*Ommi minn dejjem kienet tghidli li Wayne mhux tajjeb ghalija, u kienet dejjem tghidli li hemm xi haga hazina fih u fil-familja tieghu, pero' qatt ma kienet tippressani u kienet thallini fil-liberta tieghi ghalkemm kienet tiftah qalbha mieghi u tghidli li hi ma taqbilx mar-relazzjoni taghna u li ahna ma stajna qatt niffurmaw zwieg veru.*

*Waqt li konna ghaddejin bil-preparamenti tat-tieg, ohtu l-kbira qalet lil ommi li tinsab imhassba hafna fuq il-futur taghna u qaltilha li ma tistax tifhem kif konna ser nizzewgu ghax skond hi Wayne (huha) ma kienx tajjeb ghaz-zwieg u allura hasset li kellha tghid 'l ommi b'dan. Ommi qaltli kollox u qaltli li anke hi kienet imhassba hafna u kienet kontra dan iz-zwieg ghax ma ratx li kien hemm imhabba u futur. Izda jien kont zghira wisq u wisq immatura u belha biex nifhem dak iz-zmien. Illum pero' naf fic-cert li zwieg bejni u bejn Wayne qatt ma kien hemm u qatt ma seta' jkun hemm.*

*Id-decizjoni li nizzewgu giet f'daqqa minghajr ma konna qed nippjanaw ghaliha. Fil-fatt lanqas biss konna nafu xejn fuq x'ser naghmlu. La fejn se noqoghdu, la qatt tkellimna fuq tfal, fuq id-dmirijiet taz-zwieg, fuq il-hajja mizzewga, la qatt ippjanajna flimkien. M'ghamilna xejn. Lanqas biss konna nikkomunikaw ma' xulxin u llum nirrejalizza li fil-fatt ahna lanqas biss konna nafu lil xulxin, la hu ma jaf xi nhobb jien u lanqas jien ma naf xi nhobb hu. Illum nirrejalizza li kif tista' tizzewweg jekk lanqas hemm dan il-minimu ta' komunikazzjoni? Ahna waslna fuq l-artal biex minghalina niffurmaw zwieg, izda xi jfisser dan iz-zwieg, u jekk konniex ippreparati ghalih u l-aktar importanti jekk konniex lesti nassumu l-obbligi taz-zwieg hadd minna ma kien jaf.*

*F'mument minnhom konna sibna post, izda ma kellniex flus, ghalhekk Wayne staqsa 'l ommi biex issellfu Lm2,000 u ommi biex tara lili kuntenta silfithomlu. Dawn il-flus Wayne kellu jtihom lura 'l ommi x'hin nizzewgu. Pero' Wayne tant ma kienx igemma' u mohh ir-rih, illi fil-fatt spicca tahomlha biss wara li sseparajna meta beghna l-post.*

*Nghid illi fil-gurnata tat-tieg Wayne kien jidher car li mhux konvint minn dak li kien ser jaghmel u kien konfuz hafna. Tant hu hekk li kien xorob kaxxa birra qabel it-tieg. Jiena diehla l-knisja ndunajt mill-ewwel li kien hemm xi haga hazina f'dak kollu li kien qed isir u Wayne deher li ma kienx lest jaghmel dan il-pass. Imma mbaghad kien tard wisq. Wayne la kellimni, la dahaqli, lanqas biss hares*

*lejja tul il-quddiesa kollha. Jien tant hassejt li kien hemm bruda li nfqajt nibki ghax hsibt li minn mument ghall-iehor Wayne kien ser jaqbad iqum u jitlaq 'il barra mill-knisja. Kien jidher inkwetat u aktar aghar kien jidher imdejjaq u wiccu kien jixhed dan kollu.*

*L-ewwel lejl taghna bhala mizzewgin kien dizastru ghar-raguni illi filwaqt li ragel normali kien ikun xi ftit eccitat ghall-ewwel lejl. Wayne sakemm jien dhalt fil-kamra tal-banju kien gja` raqad. Ipprovajt inqajmu, izda kien kollu ta' xejn. Baqa rieqed sal-ghada fil-ghodu minghajr lanqas biss hares lejja. U dan fl-ewwel lejl!*

*Wara li zzewwigna skoprejt illi tul il-perijodu kollu ta' korteggjament Wayne kulma kien lahaq faddal kienet is-somma mizera ta' Lm400 fl-erba' snin. Fil-fatt ma kkontribwixxiex ghall-hlas tal-ispejjez tat-tieg li m'humiex ftit. Wayne lanqas biss kellu kont bankarju. Meta ndagajt flit biex nara fejn kien qed jonfoq il-flus skoprejt li huwa kien qed jonfoq kollox fuq il-karozza u affarijiet personali ohra ghalih, bhal stereo etc. Spiccajt biex il-kontijiet kollha tat-tieg li gew jammontaw ghal cirka Lm5,000 hallasthom kollha jien minghajr ma Wayne johrog sold.*

*Fil-bidu ftehemna li l-paga tieghu tintuza biex inhallsu xi dejn li kellna ta' Lm2,000 dovut lis-sid precedenti tal-'flat', u nghixu fuq il-paga tieghi. Wara li hallasna dan id-dejn lil Wayne ghogbitu l-ideja u bqajna nghixu fuq il-paga tieghi u l-paga tieghu gawdiha kollha hu hlief li kien ihallas Lm60 fix-xahar pagament tal-'loan'. Il-bqija ma nafx x'kien jaghmel biha, pero' d-dar qatt ma gew.*

*Nghid ukoll illi ghamilt zmien kont nghidlu biex ihallas xi kontijiet jew xi pagamenti. Kont inlestilu l-flus u nghidlu xi jrid ihallas, daqqa dawl u ilma, daqqa telephone etc. Kien jghidli li se jiehu hsieb hu u jien ghalhekk inhalli f'idejh. Wara zmien skoprejt li dawk il-hlasijiet li suppost kellu jmur jaghmel hu, u nkun tajtu l-flus jien, fil-fatt qatt ma kienu saru ghax kont ergajt ircevejt il-kontijiet. Izda l-flus li tajtu sparixxew. Ghalhekk kelli nerga' nhallas mill-gdid jien. Dan kien zmien vera difficli u kelli ghalhekk anke naghmel 'part-time job' ghax ma kontx inlahhaq. Ippruvajt*

*ukoll ingemma xi haga forsu nixtri karozza 'second-hand' ghax minhabba l-ossessjoni kbira li kellu fuq il-karozza ma kellix cans li se jhallini nuza tieghu u lanqas li jwassalni xi mkien. Dan meta anha mizzewgin. Kien jghidli li mhux tajjeb tuza l-karozza hafna. Izda biex johrog 'jiggers' barra biha hu, kien kollox sew.*

*Dak iz-zmien kont nahdem mal-SGS u kelli s-'shifts' tal-'weekend'. Kont nahdem is-Sibt mis-6:00 p.m. sas-6:00 a.m. u l-Hadd mis-2:00 p.m. sal-10:00 p.m. Fl-ewwel sena anniversarju taz-zwieg li kien il-Hadd, ghamilt minn kollox biex nehodha 'leave' u wara hafna rnexxieli. L-intenzjoni tieghi kienet li nippruvaw inqattawh flimkien*.

*Wara li wasalt id-dar, hierga min-'night shift' tal-gurnata ta' qabel, Wayne kien ghadu rieqed u jien iddecidejt li naghtih sorpriza u nsajjarlu l-aktar platt favorit tieghu. Izda s-sorpriza hadtha jien, ghax meta qam u ghidtlu li kont hadtha 'leave' biex noqoghdu flimkien, qabad jghajjat u qalli biex nara kif naghmel u mmur ix-xoghol. Dak il-hin tlaqt il-barra mid-dar izda ma mortx ix-xoghol, mort nibki ghand ohti.*

*Il-hajja ntima taghna kienet inezistenti. Wayne ma kienx jimportah minni u mis-sentimenti tieghi. Kien egoist u jekk kien jersaq lejja kien jaghmel hekk bien jinqeda hu minghajr ma jimportah minni. Fil-fatt il-ftit drabi li kellna x'naqsmu ma' xulxin, Wayne kien dejjem jahseb fih innifsu u x'hin ilesti hu, jaqbad u jitlaq 'l hemm.*

*Biz-zmien l-affarijiet iddegeneraw gravament. Wayne beda jiffissa fuq id-dar. Innaddaf kemm innaddaf qatt m'hu bizzejjed. Ma ried lil hadd jigi ghandna lanqas tal--familja, hlief il-familjari tieghu. Konna l-hin kollu niggieldu u kont qed nissupetta li ghandu xi ohra, ghax lejja ma jharisx. Qatt ma jfittxni. Jiekol u jorqod, la jkellimni, xejn. Ghalhekk smajt li kien hawn xi 'detective' u ddecidejt li nikkuntattjah biex jinvestigali daqsxejn fejn kien qed imur Wayne fil-'weekends' meta jien kont inkun xoghol.*

*Dan id-'detective' ghamel l-investigazzjoni tieghu u rrizultalu illi fil-'weekends' Wayne kien johrog u joqghod*

*jilghab bil-karozza u jivvinta kull xorta ta' haga fil-karozza u kien idum barra sa kmieni filghodu. Dan id-'detective' kien qalli li huwa 'marriage counsellor' ukoll. Jien hadtu fuq il-kelma u emmintu u ddecidejt li niehu 'l Wayne ghandu forsi jghinna xi ftit ghax kont verament iddisprata. Bdejna il-'counselling', pero' dan ir-ragel minflok ghinna kompla ghaffeg il-ftit li kien fadal ghax beda jingibed lejja u minflok ma jtina parir biex jien u Wayne ninghaqdu beda jipprova aktar ikissirna. Kien qed jiltaqa' ma' Wayne separatament u jghidlu kull xorta ta' gideb fuqi biex jitfaghlu d-dubji.*

*Il-pressjoni kienet insopportabbli. Ghalhekk f'Marzu tal-1995 iddecidejt li niehu vakanza biex niddeciedi fuq il-futur tieghi. Kelli biss dsatax (19)-il sena u dak li kont ilhaqt ghamilt jew ipprovajt naghmel sa dakinhar ma sewa ghalxejn, anzi kkrolla kollu. Kulma ghamilt ghamiltu wahdi u bdejt ninduna li biex ikollok familja jrid ikun hemm rieda mit-tnejn. Wayne zgur li ma kellu ebda rieda u qatt ma kellu, izda ma kontx irrealizzajtu qabel. Indunajt li jien u Wayne ma kellna ebda zwieg bejnietna, ma kellna xejn u dan minn dejjem hekk kien. Kont jien zghira wisq biex ninduna qabel, li jiena ma kontx mahbuba, u lanqas irrispettata minn dak li suppost kien zewgi. Kien qed jittrattani ta' serva. Jien ma kellix ragel, izda qisu kelli tifel u qed nipprova nrabbih. Ghalhekk iddecidejt li ma nkomplix f'dik it-triq. Meta gejt lura ghidt kollox lil Wayne li bhas-soltu lanqas biss ta' kaz, jekk mhux ha gost li kont ser nitlaq ghax kellu d-dar kollha ghalih. Ippakkjajt hwejgi u hallejtlu kollox. Ridt biss naqbad u nitlaq ghax beda jdejjaqni kollox. Ma ridtx noqghod niggieled fuq l-affarijiet u qbadt u tlaqt.*

*Wayne la waqqafni, la kellimni, la cempilli. Kollox qisu xejn m'hu xejn. Wara gimgha pero' gie u beda jghidli biex nirritorna lura. Ingenwa kemm kont accettajt ghax thassartu, izda ma tantx domt wisq ghax din id-darba s-sitwazzjoni kienet aghar. Ma kontx qed nahdem u kien hemm granet fejn lanqas flus ghal loqma hobz ma kelli ghax ma kienx itini xejn u kont kuljum nibki. Ghalhekk f'Novembru bieghet il-karozza u bil-ftit flus li qlajt tlaqt mill-gdid. Meta qal lil missieru li kont tlaqt missieru qallu*

*“ghalfejn qed tinkwieta? Mur id-dar ilghab loghba ‘computer’ u tinsa kollox”. Wara gimgha ltqajt mieghu u kien jidher fi stat hazin. Ma kienx qed jiekol sew ghax ma jafx isajjar u ma kienx hemm cans li ser jerga’ jmur lura ghand ommu, bejn ghax ma riedx hu jirritorna fid-dwejjaq ta' missieru, u bejn ghax missieru ma kienx ser jippermetti lil ibnu jerga’ jidhol id-dar sakemm ma jtihx nofs il-paga. Ghalhekk intefa’ jixrob u jpejjep. Hu kellu bzonni ghax meta jien kont id-dar kien isib kollox lest u kont qisni seftura tieghu u ghalhekk ghamel minn kollox biex jiskuza ruhu u jghidli li jiddispjacih u li kien ser jinbidel. Jien ghax thassartu fl-istat li kien, emmintu li kien ser jinbidel u accettajt wara hafna weghdiet li mmur lura.*

*Wara xahrejn hrigt tqila u hsibt li din it-tqala kienet ser tbiddel kemm l-atteggjament tieghu u kif ukoll dik tal-familja tieghu, peress li dan kien l-ewwel tarbija tal-familja. Pero’ mort zbaljata. Fil-fatt darba meta kont ghadni tqila, mort nixtri ghand ‘supermarket’ u kien hemm ohtu. Waqt li jien kont miexja skoprejt li ohtu harget saqajha biex tipprova ttini daqqa u dana biex tipprova twaqqaghni ghaz-zufjett. Meta wrejtha li kont indunajt b'dak li kienet qed tipprova taghmel, qabdet tghajjat gol-hanut ghalxejn b'xejn. Jien infqajt nibki ghax ma stajtx nifhem ghala dawn in-nies kienu qed igibu ruhhom mieghi hekk hazin. Ghalhekk mort id-dar nibki. Meta Wayne wasal id-dar ohtu kienet gja` qaltlu b’li kien gara, pero’ ovvjament qaltlu kollox bil-kontra, u dak li kien taparsi zewgi minflok ma sema’ lili x'ghandi x'nghid u pprova jtini komfort, qabad jghajjat u jidghi kemm jiflah u jwahhal kollox fuqi. Min dakinhar ’l hawn sa ma twieled ibni l-familja ta' Wayne ma kellmunix aktar.*

*It-tifel twieled u tista' tghid il-gravidanza qattajtha kollha wahdi minghajr ebda ghajnuna ta' hadd hlief ommi. Wayne kien lanqas biss jaghti kaz u ghalih qisu xejn m’hu xejn. It-tifel semmejnih Tristan. Kien imqareb ta' tarbija u ma kienx jorqod la bil-lejl u lanqas bi nhar, hlief ghal xi siegha l'hemm u l'hawn. Wayne ma kienx jaghti kaz it-tifel assolutament u ma kienx jimportah jekk jikbix jew le, Rieqed ikun u rieqed jibqa’. Jien biss kont inqum u*

*gieli ghamilt iljieli shah imqajma minghajr ebda support ta' xejn minghand Wayne.*

*Darba minnhom it-tifel kellu d-deni u x'hin ghidt lil Wayne minflok ma beda jipprova jghinni, qabad jghajjat u jidghi u jakkuzani li ma kontx qed niehu hsieb it-tifel. Kont ghadni kemm attajt lejl imqajma ghax it-tifel ma setax jorqod u kont imfarrka bil-ghejja. Minflok ma Wayne ipprova jghinni beda jghezzizni u qabad jghajjat u jwahhal fija li ma kontx qed niehu hsieb it-tifel.*

*Tristan huwa tifel difficli hafna biex trabbi ghax kif ghidt ma tantx kien jorqod. Huwa tifel energetiku u dejjem imqajjem u fil-fatt wara ftit Wayne kien qalli li kieku kien jaf it-tfal xi jsarrfu huwa kien jaghmel minn kollox biex ma jkollux tfal. U fil-fatt wara Tristran, Wayne qalli li huwa assolutament ma kien ried ebda tfal.  Jien kont dejjem tal-idea li huwa 'unfair' li thalli tifel wahdu u xtaqt ikolli tarbija ohra, pero' Wayne kien qalli "jekk terga' tinqabad tqila, jien noqtol ruhi b'idejja; u naghmilha".*

*Biz-zmien Wayne beda jiffissa aktar fuq id-dar. Fissazzjoni li ma kenitx normali. Per ezempju jaqbad jahsel l-art ta' kullimkien kuljum, anke jekk jien inkun gja` hsilt. Lili u lit-tifel ma kienx ihallina nduru fid-dar, anzi kien isakkarna go kamra u jghidilna biex noqoghdu hemm ghax inkella nhammgu.  Jien qatt ma stajt noqghod bit-tifel quddiem it-T.V., jew fis-'sitting room'. Fil-fatt x'hin Wayne kien jigi mix-xoghol kien jaqbad inehhi t-'toys' tat-tifel, jitfi t-T.V. u jordna lit-tifel biex joqghod bil-qieghda. It-tifel ghalkemm zghir beda jsir ribelluz u kien jibki hafna u dejjem irid imur ghand in-nanna (ossia ommi) ghax go d-dar ma kienx ikun jista' jilghab. Barra min hekk jekk jien jew Tristan konna nkunu ma nifilhux, Wayne ma kienx ihallini nghix id-dar u kien ikeccini, tant li jien kien ikolli mmur nghix u norqod ghand ommi sakemm jghaddili. Di fatti, affarijiet li llum-il gurnata lanqas nemmen lili nnifsi,  jien gieli ghamilt anke gimgha shiha norqod ghand ommi minhabba ghax Tristan u jien inkunu ftit ma nifilhux.*

*Dak iz-zmien ma stajniex inlahhqu bil-flus. Wayne ma kienx hemm cans li jaghmel xi 'part-time job'. Allura kelli nohrog naghmel 'part-time' jien. Suppost ftehemna li peress li kont ser nahdem jien, kellu joqghod jiehu hsieb it-tifel hu fil-ghaxija. Pero' Wayne kien apposta jigi d-dar tard halli jien ikun sarli l-hin li mmur ghal 'part-time' u kien ikolli niehdu ghand ommi biex tiehu hsiebu hi u dana sabiex huwa jkun jista' jahrab mir-responsabiltajiet tieghu bhala missier. Fil-fatt Wayne kien jigi d-dar tard apposta biex jahrab mill-obbligi tieghu u jien ikolli ghalhekk niehu t-tifel ghand ommi, kif fil-fatt kont naghmel. Huwa kien jaghmel hekk biex joqghod id-dar wahdu bla responsabiltajiet ta' xejn, jilghab bil-'computer'. Kien qed isir difficli ferm ghalija li nkampa u kien qed isir hsara lit-tifel ghaliex ma kienx qed ikun stabbli u ghaliex kien ikolli nghaddi ghat-tifel fil-ghaxija tard wara x-xoghol, specjalment fix-xitwa, u ghalhekk kelli nieqaf mix-xoghol.*

*Kuljum fit-8:00 p.m. Wayne kien jordnali biex immur fil-kamra tas-sodda u ma nkunx nista' niekol xejn halli nhalli d-dar f'postha, waqt li hu jkun qieghed jilghab bil-'computer' sa fil-ghodu kmieni. Kont spiccajt qed nghix hajja ta' solitudni kbira, minghajr ebda hajja ntima ta' xejn ma' Wayne, u kont nispicca nilhaq norqod qabel ma jigi fis-sodda tant kemm kien idum ghax kont nixba nistennih jigi. Darba kull tant kien jigri li Wayne kien jispicca mill-'computer' kmieni u kien jigi fil-kamra tas-sodda u waqt li nkun gja` rqadt nistennih jaqbadni u jkun irid bil-fors ikollu x'jaqsam mieghi, semplicement biex jissodisfa lilu nnifsu biss, minghajr ma jaghti ebda kaz tieghi. Jiena kont inhossni illi meta kien jigri hekk Wayne kien ikun qisu qed jabbuza bil-fatt li hu zewgi biex jinqeda hu ghall-egoizmu tieghu biss u xejn aktar. Dan ma kienx ikun imhabba da parti ta' Wayne ghax kien ikun biss affari mekkanika da parti ta' Wayne biex jissodisfa lilu nnifsu biss u xejn aktar. Lanqas kien jaghti kaz ta' kif kont inhossni jien u x'hin kien ilesti hu kien iqum jitlaq 'il barra jew idur u jorqod. Din lili kienet tweggaghni hafna u kont inhossni wzata minn zewgi u emozzjonalment din kienet qed tkissirni. Kienet tweggaghni sia emozzjonalment kif ukoll fizikament peress li huwa kien juzani.*

*Fis-sajf ma kienx ikun iridni noqghod id-dar u kien jghidli biex naqbad lil Tristan u nohrog nippassigga, halli hu jogghod jirrileksja d-dar wahdu, minflok ma jfittex cans biex noqoghdu daqsxejn flimkien. Kull naqra hin li kien ikollna flok iqattghu mieghi, kien jew jilghab bil-'computer' jew ikeccini 'l barra.*

*F'dan iz-zmien Wayne beda jbaghti b'ugiegh ta' ras kontinwa u April 2000 beda anke jkollu hass hazinijiet. Ghalhekk f'Mejju tal-istess sena morna l-isptar biex jaghmlu xi 'check-ups'. Mir-rizultati rrizulta li m'hemm xejn fizikament hazin, pero' waslu ghal konkluzjoni li hemm bzonn jivvizta psikjatra peress li l-ugiegh kien gej mill-mohh. Hu rrifjuta li jmur ghand psikjatra ghax qal li mhux mignun.*

*Il-karozza tieghu ghal xi raguni nkisret u ried jiehu 'loan'. Talabni niffirmalu u jien ma ridtx, wara li hadt parir ghax nofs id-dejn kien jigi tieghi ukoll peress li konna mizzewgin. Il-hajja taghna kienet spiccat u konna qed nitkellmu fuq separazzjoni u hu kien jaf li ladarba nisseparaw ikun jista' jiehu 'loan' mill-bank u jixtri karozza. Ghalhekk ra kif ghamel biex infittxu nisseparaw halli jkun jista' jiehu 'loan'. U fil-fatt fl-10 ta' Ottubru 2000 ahna sseparajna permezz ta' kuntratt bonarju, u ezatt x'hin iffirmajna huwa baqa' sejjer dritt il-bank jiehu 'loan' u hareg karozza.*

*Hmistax (15)-il gumata wara li sseparajna ndunajt li kont hrigt tqila. Din it-tqala kienet rizultat ta' xi darba meta Wayne ghogbu jinqeda bija ghall-egoizmu tieghu. Jiena ghidt lil Wayne b'din it-tqala u r-risposta tieghu kienet kiesah u biered "issa jiddispjacini, imma jiena ma nista' naghmel xejn, pero' jekk tkorri ghidli". Dan il-kliem vera weggaghni.  Sfortunatament fit-13 ta' Novembru jien korrejt u tlift it-tqala. Cempilt lil Wayne u ghidtlu li kont korrejt.  Jien bqajt skantata peress li qatt ma rajt lil Wayne daqshekk kuntent b'ahbar. Din kienet ahbar ta' dwejjaq mhux ferh.  Nonostante dan, Wayne kien vera kuntent ghax hekk kien heles minn responsabbilta' ohra.*

*Meta sseparajna Wayne kellu johrog mill-'flat' ghax bieghnih u kellu jmur joqghod m'ommu. Wara xi ftit gie jigri lura ghandi u qalli li ma jifilhux aktar lil missieru u li ma jiflahx jissaporti aktar jghix ghand ommu, u beda jitlobni biex nghinu. Jien ghidtlu li z-zwieg taghna qatt ma kien ezista u ma kienx hemm lok li nergghu nirrikonciljaw. F'Gunju 2001 ried ikellimni u ammetta li kellu bzonn ghajnuna psikjatrika. Jien ghidtlu li kont lesta nghinu bhala habiba biex jekk kellu problema mentali jsolviha ghax wara kollox jien thassartu. Beda jidher li qed jipprova juri kambjament u beda jiltaqa' mat-tifel. Jien nghid il-verita` skantajt. Pero` ghal ma nafx kemm-il darba ergajt hrigt dizappuntata ghax Wayne bla ebda pre-avviz qabad u telaq u ma deherx aktar. Wara ftit qalli li hu qatt ma kien ihobbni u qatt ma kellu ntenzjoni effettivament li jizzewwigni, u li z-zwieg ta' bejnietna kien zball kbir u xejn aktar. Huwa qal li kien sab mara ohra u qal li ma' din ihossu tajjeb. Din kienet tghix hdejn il-Gzira u beda jigini suspett li seta kien allura qed jaqlibhieli anke qabel iz-zwieg.*

*F'Settembru gie rega' lura ghandi jigri jibki u qalli li dik il-mara kienet immanipulatu u harget tqila minnu waqt li hu kien fis-sakra. Wara ftit qalli li kien spicca minn ma' dik il-mara u jien ghidtlu li ma kien jimportani xejn aktar minnu u li kien weggaghni wisq. Huwa qalli li issa kien xeba u li kien ser jitlaq minn Malta ghal kollox. Huwa qalli li ghalih Tristan qatt ma kien ibnu u fil-fatt jien applikajt il-Qorti biex ninghata 'total parental authority' u fil-fatt din inghatajt lili. Fit-18 ta' Frar 2002 Wayne cempilli u qalli li hu qieghed l-Awstralja u m'ghandux intenzjoni jerga' lura u li ried jahrab mill-izbalji kollha li kien ghamel fosthom li kien izzewweg. Huwa qalli car u tond li dakinhar kienet l-ahbar darba li kont ser nisma' minghandu. F'dik l-okkazjoni lanqas biss kellu d-dicenza jistaqsini dwar kif inhu t-tifel.*

*Nghid illi Wayne minn dejjem kien persuna nstabbli u rresponsabbli u qatt ma kien tajjeb ghaz-zwieg. Huwa la kien tajjeb bhala ragel u lanqas bhala missier. U ghalhekk qatt ma kien hemm zwieg validu bejnietna".*

Illi **Doris Balzan** xehdet permezz ta’ affidavit u sostniet li:-

*“Jiena nigi omm Trudel l-attrici f’din il-kawza.*

*Ghandi nghid li binti zzewget lil Wayne fil-11 ta' Settembru 1993. Dak iz-zmien binti kellha sbatax (17)-il sena. Iz-zwieg taghhom mill-bidu nett qatt ma qbilt mieghu u ma kontx naf kif narahom flimkien u fil-fatt diversi drabi kont kellimt lill-binti u ghidtliha biex ma tizzewwigx.*

*Wayne kien jigi ghandna, pero’ ma nafx kif kont narah. Kull meta jigi, kien jintefa’ ghalih minghajr ma jitkellem. Kont nara qisha bruda fih li ma kienetx tas-soltu, u fil-fatt kont kellimtu diversi drabi dwar dan.  Kont nistaqsih jekk varament riedx jizzewweg lil binti ghax ma kontx narah ihobbha. Lanqas biss kien jaghti kazha. Kull meta staqsejtu jekk verament riedx jizzewweg lil binti kien jirrispondini: "x'jigifieri, xi trid tghid biha? Issa la nizzewgu ntik risposta". Jiena kont nibqa' mistghagba.*

*Nghid ukoll li rari kienu johorgu u kont naraha stamba din. Fil-fatt anke meta kienu jkun ghandi d-dar ma kontx tarahom flimkien bhal namrati.*

*Wayne kien iffissat fuq il-karozza tieghu u kull minuta diehel u hiereg jiccekkja jekk laqtuhiex jew le. Jiena qatt ma rkibt mieghu gol-karozza u kull meta tlabtu ‘lift’ ghal xi qadja mportanti huwa kien jghidli “ma tarax mela trid li l-karozza tkaxkarli mal-art.*

*Darba kellmitni anke ohtu l-kbira u qaltli li hi tinsab imhassba hafna dwar dan iz-zwieg taghhom u qaltli li ma tafx kif Trudel kienet ser tizzewweg lil Wayne ghax skond ohtu Wayne ma kienx tajjeb ghaz-zwieg. X'hin ohtu qaltli hekk jien aktar inkwetajt u mlejt ras daqshiex, u fil-fatt kont kellimt ’il binti kif ser nispjega aktar ’l isfel.*

*Kull meta kienu jkunu d-dar kont narahom jiccassaw u qatt ma jitkellmu. Jekk jitkellmu kienu jiggieldu, u fil-fatt*

*kienu jiggieldu ta' spiss u l-glied taghhom kien vjolenti fis-sens li kien ikun hemm hafna ghajjat u storbju.*

*Jiena naf li Trudel spiccat diversi drabi minn ma' Wayne u kienet titilqu almenu qisu darba kull xahrejn. Darba sahansitra keccejtu anke jien. Kull darba li kienu jispiccaw, wara xi jumejn jew tlieta kien jigi lura jghidilha li ghandu bzonnha, u Trudel ghax kienet ghadha zghira u ghamja kienet taccettah lura. Huwa kien jheddidha li jekk titilqu huwa jikkommetti suwicidju jew jibla' l-pilloli. Ghalhekk meta kienet tara hekk Trudel kienet tithassru u terga' tirranga. Darba kien telaqha hu ghal xi gimgha wkoll ghax kien qal li hu ndeciz.*

*Qatt ma kienu 'close' ma' xulxin. Tamiet ta' zwieg qatt ma kellhom, qatt ma kont tarahom jiftehmu jew jippjanaw fuq iz-zwieg u l-hajja mizzewga. Nahseb li lanqas biss qatt ma tkellmu fuq zwieg u fuq it-tifsira tieghu. Jiena darba lil Wayne staqsejtu jekk kienx jaf ezattament ghal x'hiex diehel izda r-risposta li hadt kienet: "u issa naraw". Trudel nahseb li kienet taf x'jigifieri zwieg ghalkemm nghid li hi kienet zghira wisq biex tifhem ezatt x'kienet qeghda taghmel. Ghax hi kienet ghamja warajh u ma kenitx qeghda tahseb b'mohh miftuh ghax kieku kienet tirrealizza li ma kienx hemm lok ta' zwieg bejniethom.*

*Wara xi tliet snin flimkien Trudel giet qaltli li kienu ser jizzewgu. Din id-decizjoni ma kenitx rizultat ta' xi relazzjoni serja u ppjanata u ghalhekk hadtha bhala sorpriza kbira ghax jien kont naf fic-cert li ma kienux ippreparati ghal dan il-pass. Ghalhekk kont kellimt sew lil Trudel u ghidtilha li jien ma kontx qed naqbel mal-fatt li kienu ser jizzewweg u anke semmejtilha x'kienet qaltli ohtu l-kbira. Trudel dehret li lanqas bdiet tisma' x'qed nghidilha u webbset rasha ghax kif gja` ghidt hija kienet zghira u meta tkun zghira ma tibdiex tara car. Biex tghid ukoll Wayne kien l-ewwel 'boyfriend' taghha u allura ma kenitx f'pozizzjoni li tifhem dak li kont qed infissrilha jien ghal gid taghha. Jien ghidtilha wkoll li hi kienet ghadha zghira wisq biex tizzewweg. Fil-fatt meta zzewget lanqas biss kienet ghadha ghalqet it-tmintax (18)-il sena.*

*Nonostante l-oppozizzjoni tieghi ghal dan iz-zwieg Trudel xorta baqghet ghaddejja u zzewget.*

*Wayne kien persuna dejjem imdejjaq, 'happy go lucky' u ma jaghti kaz xejn u hadd hlief tieghu nnifsu. Karattru egoist ghall-ahhar u mhux kapaci jithallat man-nies. Qisu bla emozzjoni: la jifrah, la jidhaq, la jibki, xejn qisu m'hu xejn.*

*Jiena kont nahseb li wara li ddecidew li jizzewgu xi haga kien ser jinbidel fihom. Pero' baqa' kollox l-istess. Imbeghda kienu u mbeghda baqghu, jiggieldu kienu u jiggieldu baqghu, Wayne baqa 'I don't care' u ma jaghti kaz xejn u binti tinfena minn gewwa.*

*Jien niftakar illi fil-gurnata tat-tieg qabel ic-cerimonja Wayne kien gie ghandna u jien rajtu mdejjaq. Jien kont kellimtu car u ghidtlu li dak li kienu ser jaghmlu ma kienx sew. Lil Wayne kont ghidtlu biex jekk mhux cert minn dak li kien qed jaghmel, u kien jidher li mhux cert ghax kien imdejjaq, ghidtlu biex ma jinkwieta xejn u kollox seta' jithassar u ma jizzewgux ghalissa mbaghad jaraw izjed 'il quddiem. Spjegajtlu li b'daqshekk ma kien ser jigri xejn u peress li kont ser inhallas it-tieg jien huwa ma kien ser jitlef xejn u kont niehu hsieb nirranga kollox jien u navza n-nies jien. Wayne hares lejja u qalli issa u darb'ohra mhux xorta? X'hin qalli hekk aktar inkwetajt u staqsejtu ghal darba darbtejn biex jahsibha sew. Huwa ma kellimnix aktar. Nghid illi waqt ic-cermonja Wayne kien jidher imdejjaq 'wicc laskri' u mhux komdu. Niftakar lil Trudel tinfaqa' tibki u tghidlu "xi gralek jaqaw m'ghogbitekx illibsa?" Tant kemm kien imdejjaq u lanqas beda jkellimha jew ihares lejha. Tul il-quddiesa kien qisu mhux f'sensih. Jien bdejt nistenna li minn mument ghall-iehor kien ser jaqbad u jitlaq 'il barra.*

*Nghid ukoll illi wara c-ceromonja kellhom 'reception' tat-tieg u waqt ir-'reception', hafna mill-mistednin bdew jigu fuqi u jiskanataw kif Trudel kienet izzewget lil Wayne. Anke l-istess mistednin bdew jarawha stramba u kulhadd beda jghidli "dawn kif qeghdin flimkien u ma*

*jipparraggjawjx flimkien?” U jien aktar bdejt ninkwieta, pero’ mbaghad kien troppo tardi u ma stajt naghmel xejn.*

*Wayne kien persuna ta' waheda. Hbieb ma kellux u qatt ma kont tarah b'hegga.*

*Lit-tifla qatt ma kien johrogha u din kont naraha stramba. Illum-il gurnata huma separati u sa fejn naf jien Wayne anke telaq barra minn Malta. Sa fejn naf jien l-Awstralja. Huwa wkoll ghandu tarbija minn mara ohra.*

*Wayne kien jghajjat hafna ma’ binti u din ma kontx nista' ghaliha u kien jidghi hafna anke fil-prezenza tieghi.*

*Jiena nikkonferma wkoll illi kull meta t-tifel taghhom jew Trudel kienu jkunu ma jifilhux huwa kien jibaghthom jorqdu d-dar ghandi u gieli t-tifla ghamlet anke gimgha shiha torqod ghandi bhallikieku mhux mizzewga.*

*Wayne ma kienx igemma’ u kont nara lil binti dejjem tohrog il-flus hi ghal kollox. Huwa kien mohhu biss fl-affarijiet personali tieghu bhal karozza u ‘stereo’ etc.*

*Meta kienet tqila bit-tifel Trudel qatt ma sabet ko-operazzjoni minn Wayne u fil-fatt kont inkun jien li nghinha.*

*Il-familja ta' Wayne ltqajt darba wahda biss maghhom u ma kienux jidhru li jinhabbu bejniethom u ma kienx hemm ghaqda kif ghandu jkun hekk f’kull familja”.*

Illi **Victor Camilleri** fl-affidavit tieghu qal:-

*“Jiena nigi missier Wayne, il-konvenut f’din il-kawza.*

*Jiena naf li Wayne u Trudel izzewgu zghar hafna u jien kont naf li huma ma kienu ppreparati biex jiehdu dan il-pass u kemm-il darba ftahtlu ghajnejh lil Wayne u ghidtlu li kien qed jghaggel.*

*Huma ghamlu erba’ (4) snin johorgu flimkien. Kien jigu ghandna hafna drabi, pero’ Trudel kienet toqghod ma’ hut*

*Wayne u Wayne dejjem ghalih wahdu, vuol diri huma qatt ma kienu jqattghu hin flimkien ghax hu ghalih u hi mat-tfal.*

*Wayne huwa di karattru nervuz hafna u taqbizlu hafna u gieli jsir anke vjolenti anke fizikament. Fil-fatt nghid li ahna mir-razza daqsxejn 'bad tempered' u nervuzi.*

*Jiena naf illi kemm damu johorgu flimkien, huma spiccaw ir-relazzjoni ferm aktar minn darba. Kienu jitterminaw ir-relazzjoni it-tnejn li huma u ta' spiss.*

*Jiena lil Wayne qatt ma rajtu jiehu ebda pass serju ghaz-zwieg. Hu kien aktar mohhu fil-'computer' u fil-karozza. Huwa zzewweg bhal speci gie z-zwieg u zzewweg u ma ta' kaz ta' xejn. Nghid li Wayne zgur li lanqas kien jaf ghal x'hiex diehel.*

*Wayne huwa persuna rresponsabbli u t-tnejn li huma qatt ma kienu ppreparati ghaz-zwieg u qatt ma tkellmu fuq trobbija ta' familja, tfal ippjanar ta' flus. Ma kien jimportahom xejn.*

*Qabel iz-zwieg Wayne dejjem hadem pero' qatt ma rnexxielu jgemma' flus. Hu hadem erba' (4) snin shah qabel iz-zwieg izda nefaq kollox fic-cucati bhal fil-'computer' u l-karozza u dan zgur mhux hsieb ghaz-zwieg. Meta gie biex jizzewweg ma kellux flus u kien ghalhekk talab il-flus lil ommu.*

*Wayne u Trudel ma kienux johorgu flimkien. Wayne kien johrog wahdu mal-hsieb u ma kmienx jimportah li jhalliha gewwa waheda. Jiena ghandi suspett illi Wayne kellu anke nisa ohra wagt li kien qed johrog ma' Trudel.*

*Bhala karattru Wayne huwa maghluq hafna, 'moody' hafna'.*

*Dakinhar tat-tieg jien rajt lil Wayne imdejjaq hafna u kien nahseb anke xorob ghax ma kienx cert minn dak li kien qed jaghmel u beda jibza ghax kien diehel ghall-piz li mhux talli ma kien ippreparat ghalih talli lanqas biss kien jaf ezattament x'jinvolvi. Pero' mbaghad kien tard wisq u kellu*

*jaghmel dak li ma riedx, peress li kollox kien ippreparat u mhallas u ghalhekk ma setax imur lura.*

*Fil-knisja Wayne kien imdejjaq u skomdu u waqt ir-riceviment beda jixrob hafna. Siehbi certu John insejt x'kunjomu, fil-fatt kien qalli li Wayne stqarr,mieghu li kien imdejjaq ghax dahal ghal piz tqil u ma kienx ippreparat ghar-responsabilitajiet taz-zwieg.*

*Wayne mhux veru ried jizzewweg. Li gralu hu li l-ftit hbieb li kellu, ftit ftit kollha bdew jizzewgu u spicca wahdu. U ghalhekk biex ikun bhal hbiebu izzewweg hu wkoll.*

*Wara t-tieg il-hajja taghhom marret ghall-aghar. Dan nafu kemm minn Wayne u kemm ghax kont nara b'ghajnejja. Bizzejjed nghid illi Trudel telqet mid-dar ma nafx kemm-il darba. Huma ma kienux jaqblu fuq il-flus; Wayne kien iffissat fuq it-tindif u gieli lili keccieni mid-dar biex ma nhammigx u gieli kecca lil Trudel stess bit-tifel. Jiena gieli mort narah u kien ikun qed jahsel il-madum u jkecci ’l kulhadd ’il barra.*

*Jiena nghid illi Wayne kellu ‘depression’ biz-zwieg ghax ma felahx ghaz-zwieg u ma kienx ippreparat ghalih. Jien fil-fatt bghattu diversu drabi ghand professur ghall-kura, pero ma nafx x'ghamel.*

*Meta nduna li huwa ma kienx lest jassumi r-responsabiltajiet taz-zwieg Wayne qabad u harab minn Malta bla kliem u bla sliem. Hadd ma kien jaf. Qabad u telaq. Wayne harab mir-responsabiltajiet u siefer lejl l-Awstralja biex jahrab minn kollox. Ma regax gie lura minn dakinhar. Gili jcempel u qatt ma staqsa xejn dwar Trudel u t-tifel. Jien nghid illi ’l boghod minn kollox Wayne jidher li huwa qed jghix ahjar. Li naf hu li darba minnhom Wayne kien gie fuqi u qalli "Jien xbajt u ma rridtx naf aktar la bi Trudel u lanqas bit-tifel u ha nahrab". Kien semma hafna postijiet fejn kien se jsiefer”.*

Illi **Vanessa Camilleri** fl-affidavit taghha sostniet hekk:-

*“Jiena nigi oht Wayne, il-konvenut f’din il-kawza.*

*Jiena naf li Trudel kienet tigi ghandna u toqghod tilghab mieghi u ma’ ohti l-ohra. Diversi drabi kienet ukoll tohrogna ghax Wayne ma kienx ikun irid johrog maghha. Hu kien jippreferi joqghod jilghab bil-‘computer’ jew johrog ma hbiebu. Ahna tista tghid ghalhekk dejjem ma Trudel. Konna niehdu gost hafna maghha.*

*Wayne huwa persuna ma jimportah minn xejn ‘I don't care' f’kollox. Kulma jimportah huwa fil-‘computer’ u l-karozza, ghall-bqija tista' taqa' d-dinja. Bhala karattru huwa maghluq fih innifsu u jbaghti bil-grazzja.*

*Wayne kien iffissat fuq it-tindif u fuq il-karozza u mhux l-ewwel darba li kecca lil Trudel bit-tifel ’il barra mid-dar halli jnaddaf u ma jhammgux. Barra minn hekk il-karozza kienet qisha kollox ghalih u alla hares tmissha. Fil-fatt biex kien irikkibni fil-karozza kien il-hin kollu jghidli biex ma niccaqlaqx u jien kont noqghod qisni statwa.*

*Jiena naf illi kemm damu johorgu flimkien, huma spiccaw ir-relazzjoni ferm aktar minn darba. Kienu jitterminaw ir-relazzjoni t-tnejn li huma u ta' spiss.*

*Dakinhar tat-tieg Wayne kien imdejjaq hafna u kien nahseb anke xorob ghax ma kienx cert minn dak li kien qed jaghmel.*

*Wara li zzewgu jien naf li huma nfirdu diversi drabi. Wayne kien ‘restless' u l-hin kollu jippassigga qisu ma jafx xi jrid u dan kollu qabel iz-zwieg.*

*Wayne kellu ‘depression’ biz-zwieg ghax ma felahx ghaz-zwieg u ma kienx ippreparat ghalih.*

*Darba minnhom Wayne qabad u harab minn Malta bla kliem u bla sliem.  Siefer lejl l-Awstralja biex jahrab minn kollox. Ma regax gie lura minn dakinhar. Gili jcempel u qatt ma staqsa xejn dwar Trudel u t-tifel. Jien nghid illi l-boghod minn kollox Wayne jidher li huwa qed jghix ahjar. Li naf hu li darba minnhom Wayne kien gie fuqi u qalli "jien xbajt u*

*ma rridtx naf aktar la bi Trudel u lanqas bit-tifel u ha nahrab". Kien semma hafna postijiet fejn kien se jsiefer".*

Illi **Pamela Camilleri** fl-affidavit taghha sostniet illi:-

*"Jiena nigi oht Wayne, il-konvenut f'din il-kawza.*

*Trudel qisha ohti ghax kienet tigi ghandna u toqghod tilghab mieghi u ma' ohti l-ohra. Diversi drabi kienet ukoll tohrogna ghax Wayne ma kienx ikun irid johrog maghha.*

*Wayne huwa persuna ma jimportah minn xejn. Kull ma jimportah huwa fil-'computer' u l-karozza. Il-karozza kienet qisha kollox ghalih u alla hares tmissha. Fil-fatt biex kien irikkibni fil-karozza kien il-hin kollu jghidli biex ma niccaqlaqx u jien kont noqghod qisni statwa.*

*Wayne kien iffissat fuq it-tindif u mhux l-ewwel darba li kecca lil Trudel bit-tifel 'il barra mid-dar halli jnaddaf u ma jhammgux.*

*Jiena naf illi kemm damu johorgu flimkien, huma spiccaw ir-relazzjoni ferm aktar minn darba. Kienu jitterminaw ir-relazzjoni it-tnejn li huma u ta' spiss.*

*Dakinhar tat-tieg Wayne kien imdejjaq hafna u kien nahseb anke xorob ghax ma kienx cert minn dak li kien qed jaghmel.*

*Wara li zzewgu jien naf li huma nfirdu diversi drabi. Wayne kellu 'depression' biz-zwieg ghax ma felahx ghaz-zwieg u ma kienx ippreparat ghalih. Darba minnhom imbaghad, Wayne qabad u harab minn Malta bla kliem u bla sliem; Siefer lejn l-Awstralja biex jahrab minn kollox. Ma regax gie lura minn dakinhar. Gieli jcempel u qatt ma staqsa xejn dwar Trudel u t-tifel. Jien nghid illi 'l boghod minn kollox Wayne jidher li huwa qed jghix ahjar. Li naf hu li darba minnhom Wayne kien gie fuqi u qalli "jien xbajt u ma rridtx naf aktar la bi Trudel u lanqas bit-tifel u ha nahrab". Kien semma hafna postijiet fejn kien se jsiefer".*

Illi **Eleanor Zahra** fl-affidavit taghha xehdet illi:-

*“Jiena nigi habiba tal-qalb ta' Trudel.*

*Lil Trudel illi nafha madwar tlettax (13)-il sena u nafha wkoll meta kienet ghadha kemm bdiet tohrog ma' Wayne.*

*Hi kellha xi erbatax (14)-il sena meta bdiet mieghu u ahna konna ghandna l-iskola. Kont skola maghha.*

*Jien naf li sa mill-bidu nett li bdiet tohrog ma’ Wayne ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet wahda nstabbli hafna u kont nara lil Trudel li kienet tkun imhawda hafna fis-sens illi qabel ma kienet bdiet tohrog mieghu Trudel kienet persuna ferrihija hafna u x'hin bdiet tohrog mieghu kienet tkun aktar imdejqa milli ferhana.*

*Trudel kienet prattikament thassar minn ma’ Wayne kwazi kull gimgha u kull meta kienet titilqu kienet terga' tigi t-Trudel li kont naf qabel. Biss pero’ huwa kien joqghod jiffittaha biex terga’ tmur mieghu u hi kienet tithassru u terga' tirranga. X'hin terga' tirranga mieghu kienet terga’ tigi mdejqa.*

*Lil Trudel u Wayne Jien kont nafhom anke flimkien u drabi anke hrigt maghhom. Fil-fatt hrigt maghhom u darba morna nieklu u niftakar li dakinhar jien ikkonfermajt dak li kont ili naf qabel dwar il-karattru ta' Wayne skond ma kienet tghidli Trudel. Dakinhar stajt nara b'ghajnejja stess li Wayne kien persuna assolutament mhux socjevoli, u ma jitkellimx, qisu bniedem bla emozzjoni ta' xejn, la tarah jidhak u lanqas jibki. Wayne ghandu karattru stramb u ma jkomplix.*

*Jien nghid ukoll li meta Trudel bdiet tohrog ma’ Wayne, jien ma stajtx immur aktar ghandha d-dar wara l-iskola ghax Wayne ma kienx jiehu pjacir u r-raguni ghala ma kienx jiehu gost kienet semplicement ghax jien kont habiba ta' Trudel. Jien qatt ma ghamiltlu xejn lil Wayne.*

*Jien naf illi Trudel u Wayne ma kellhomx hbieb u Wayne ma kienx ihobb kumpanija. Kien ta' wahdu. Trudel kienet titkellem hafna mieghi u kienet tistqarr mieghi li Wayne*

*ma kien jinteressa ruhu f'xejn u kollox hi kienet tiehu hsieb. Dwar preparazzjoni ghas-sagrament taz-zwieg nghid li milli naf jien huma qatt ma ppreparaw ruhhom verament ghaz-zwieg. Ma kienu jafu ghalxiex verament dehlin. Trudel kienet tghidli wkoll li Wayne assolutament ma kien jiehu ebda nteress lanqas fl-aspett materjali tal-preparattivi, Trudel kienet taghmel kollox waheda.*

*Trudel kienet tittermina r-realazzjoni taghha ma' Wayne spiss kif diga` ghidt, izda hu kien kull darba jmur jigri warajha jwieghdha li se jirranga. Trudel kienet tithassru u terga' tmur lura mieghu. Trudel stess ikkonfermat mieghi li kienet tithassru.*

*Milli kont nara jien u milli kienet tghidli Trudel ir-relazzjoni taghhom ma kellha ebda bazi soda ta' xejn u zgur li ma kenitx relazzjoni li minnha seta' johrog zwieg veru.*

*Jien nghid li Trudel izzewget lil Wayne aktar ghax kienet tithassru milli ghax verament thobbu. Wayne ma kienx assolutament ihobb lil Trudel.*

*Wara li zzewgu r-relazzjoni baqghet instabbli u naf li Trudel telqitu diversi drabi lil Wayne u gieli anke allontanat ruhha mid-dar konjugali.*

*Naf certa li wagt iz-zwieg Trudel kienet ferm aktar imdejqa ma' Wayne milli kienet qabel iz-zwieg. Meta kienet titilqu gieli kienet tigi ghandi d-dar u tirrakkontali d-dwejjaq taghha. Hija kienet tilmenta fuq is-segwenti:-*

*(1) li Wayne ma kienx jaghti assolutament kazha lanqas mill-lat intimu;*

*(2) kif kien jigi d-dar kien jghidilha biex taqbad it-tifel u titlaq 'il barra halli hu jkun jista' joqghod fil-kwiet;*

*(3) mohhu fil-'computer';*

*(4) iffissat fit-tindif tad-dar u kien jerga' jahsel l-art anke jekk tkun gja` haslet Trudel. Skond ma qaltli Trudel kien jibghatha torqod kmieni biex ma thammigx;*

*(5) dwar il-hajja ntima hija kienet tghidli li kienet inezistenti hlief, xi darba l'hawn u l'hemm biex jinqeda hu.*

*Meta jien izzewwigt Trudel riedet diversi drabi li nohorgu flimkien bhala koppji Trudel u Wayne u jien u zewgi; izda Wayne ma kienx ikun irid jigi u kien ikun irid jibqa' d-dar u gieli baghat lil Trudel waheda bit-tifel.*

*Nghid illi Wayne minn dejjem kien persuna nstabbli u rresponsabbli u qatt ma kien tajjeb ghaz-zwieg.*

**(B) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi l-attrici tissottometti illi z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null *inter alia* abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:-

*"(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich***:-

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement*

*refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* ***(Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J.,** op.cit.,* pg. 687).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:-

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju –* ***Art. 19 (1) (d)*** *– biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali* ***("Isabelle Zarb vs Stephen Attard"*** *– P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilta' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet*

*zbaljati. Il-paragrafu* **(d)** *ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku **("Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995 ).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *"discretio judicii"* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita"* (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gja` nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"*

***(Pompedda, M.F.,* “Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski” – Pompedda – Zagglia, “Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico”** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **“Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo”** (P.A. (VDG) 26 ta’ Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fis-sens ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *“fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b’mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta’ hsieb, nuqqas ta’ riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju” (ara, **“Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri”**, P.A., 10 ta’ Novembru 1995)”.*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *“li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju **(“Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt”**, P.A., 15 ta’ April 1996)”.*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19(1)(d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku / psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f’dan is-sens, fost ohrajn, **“Jacqueline Cousin vs Bernard Simler”**, P.A., 3 ta’ Gunju 1998; **“Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar”,** P.A. 19 ta’ Ottubru 1998; u **“Carmelo Grima vs Mary Andrews”**, P.A., 2 ta’ Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u nterdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)"* **(*Bersini, F.,* "Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la*

*maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio" (ibid.* pp. 97-98*).*

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja` gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole" (**Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **{Can. 1095 (3)}** tirrikjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilta` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilta` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "*di intendere e/o di volere". "L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale",* jghid il-***Bersini***, *"rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso" (op. cit.,* p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma anke skond is-sentenza **"Angel Spiteri vs Joseph Spiteri"** (P.A. 4 ta' Novembru 1994) *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J**., op. cit.,* p. 687*).*

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **“Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee’ Sultana”** (P.A. (VDG) 17 ta’ Novembru 2000 u **“Anna Galea vs John Walsh”,** (P.A. (VDG) tat-30 ta’ Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f’dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *“the community of life and love”.*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **“Nathalie O’Toole vs Patrick O’Toole”** (P.A. (N.A.) 25 ta’ Marzu 2002) fejn inghad li:-

*“Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu."*

Illi kif inghad fis-sentenza **“Al Chahid vs Mary Spiteri”** (P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2002) inoltre l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhalma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f’diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **“Maria Rita Calleja Vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri”** (P.A. (RCP) 17 ta’ Frar 2000); **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** (P.A. (RCP) 9 ta’ Marzu 2000); **“Ousama Sadalah vs Doris**

**Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

*"**art.19 (1) (f)** "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi inoltre fis-sentenza **"Theresa Taguri nee' Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja` Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed**

**Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament car u skjet li l-unika raguni li wasslet lill-konvenut sabiex jizzewweg lill-attrici kien il-fatt li l-istess attur ried jehles mis-sikkatura tal-genituri tieghu u partikolarment minn missieru; ma jirrizulta li kien hemm l-ebda raguni ohra ghaliex l-istess konvenut wasal ghaz-zwieg; certament ma kien hemm ebda mhabba u sahansitra interess fl-attrici u wisq anqas fil-hajja mizzewga, u f'din il-haga l-konvenut kien konsistenti kemm qabel u kemm wara l-istess zwieg.

Illi nfatti jirrizulta mill-provi prodotti, li jinkludu familjari tal-attrici u familjari tal-konvenut stess, li l-istess konvenut l-unika nteress li kellu fil-hajja tieghu kienet biss il-karozza, u wara z-zwieg it-tindif tad-dar, li jidher li kienu ossessjonawlu hajtu, tant li kien jaghmel certu affarijiet li mhux facli li wiehed isib spjegazzjoni taghhom, bhal meta ma kien ihalli 'l hadd jidhol fejn ikun hasel huwa, lanqas lil martu u lil ibnu.

Illi fil-fatt mill-provi hawn migbura jidher li l-unika haga li kienet timmotiva lill-konvenut kienet biss kif jahrab mir-responsabiltajiet kollha taz-zwieg, inkluz li jipprovdi ghal martu u ibnu, u jidher li l-istess konvenut kien qed jaghmel minn kollox sabiex jinsa li huwa kien mizzewweg u wkoll missier, altrimenti ftit wiehed jista' jifhem l-atteggjament tieghu lejn il-familja tieghu; tant huwa minnu dan li sahansitra hutu l-bniet isostnu li l-unika darba li hassew li l-istess konvenut kien kuntent kien meta huwa halla kollox warajh siefer u jidher li allura nqata' miz-zwieg li tant gablu nsigurta' fil-hajja tieghu, tant li l-istess hutu jghidu li lanqas biss qatt staqsa xejn fuq it-tifel tieghu stess.

Illi jidher li l-istess konvenut, almenu fir-relazzjoni tieghu mal-attrici, ma ried bl-ebda mod jikkomunika, u kien juza biss lill-attrici ghall-iskopijiet tieghu u sabiex ikun komdu

huwa u dan kemm mill-lat finanzjarju, emottiv, fiziku u socjali, b'dan li mill-provi kollha prodotti jidher li l-istess konvenut kien assuma biss responsabilta', u din wkoll sa certu punt, ghalih innifsu biss, u ma kien jimportah minn xejn izjed, certament mhux minn martu u lanqas minn ibnu.

Illi huwa f'dan il-kuntest li wiehed irid jifhem kif l-istess konvenut kien jitfa' lill-attrici u lil binha 'l barra meta dawn ma kienux jifilhu sabiex iddur omm l-attrici bihom, u dan juri nsensittivita' totali *da parte* tal-konvenut, li fl-opinjoni ta' din il-Qorti kellu problemi emottivi serji, li jrenduh inkapaci li jifforma kunsens, u wisq anqas kunsens ghaz-zwieg, *stante* li mill-eposidji kollha fuq imsemmija, jidher li l-konvenut kien fil-kwiet, izda b'mod effettiv qed jirribella ghas-sitwazzjoni li huwa stess dahal fiha minghajr wisq hsieb, u kien jimblokka ruhu meta jhoss lilu nnifsu mpotenti sabiex johrog minn din is-sitwazzjoni, u ghalhekk kien jaljena ruhu bil-fissazzjonijiet li kellu ghall-karozza tieghu.

Illi huwa veru li l-ezami li trid taghmel il-Qorti dwar il-kunsens taz-zwieg jirreferi ghall-mument tal-ghoti tieghu, izda huwa wkoll fatt ukoll li l-istess kunsens jew in-nuqqas tieghu jista' jigi manifestat mill-agir tal-persuna kemm qabel u kemm wara z-zwieg, u mix-xhieda kollha prodotta jirrizulta li mhux biss il-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga, izda addirittura l-konvenut kien inkapaci li fic-cirkostanzi kif kien ikollu tali kunsens, ghaliex huwa hares biss kif ser jitlaq mid-dar tal-genituri tieghu u xejn izjed, u litteralment approfitta ruhu, b'dannu anke ghalih (ghalkemm ghamel il-hajja tal-attrici mizera ghal kollox) mill-fatt li l-attrici kellha eta' zghira, tant li ltaqghet mieghu meta kellha biss erbatax (14)-il sena u zzewget meta kellha biss sbatax (17)-il sena, u kemm ghaliex kellha fissazzjoni fuqu,  bil-konsegwenzi li jidhru esposti fix-xhieda hawn riprodotta f'din id-decizjoni.

Illi *stante* li dan kien l-unika skop tal-konvenut li jersaq ghaz-zwieg, jidher car li fl-animu li kien il-konvenut, l-kunsens tieghu kien ukoll ivvizzjat *stante* li eskluda *a priori* diversi elementi essenzjali ghal zwieg validu, *stante* li fil-fatt jirrizulta pruvat li huwa qatt ma gab ruhu ta' ragel tal-familja ma' martu u lanqas ibnu, u fil-fatt jidher li l-konvenut qatt

ma kellu ntenzjoni li jagixxi bhala tali; fil-fatt jista' jinghad li din l-attitudini tal-konvenut lejn l-attrici kienet konstanti kemm qabel u kemm wara z-zwieg, u dan ghaliex l-istess konvenut qatt ma kien animat b'dan is-sens ta' unjoni bejn il-mizzewga u lanqas lejn ibnu; ghalhekk johrog car li l-istess konvenut kellu l-kunsens tieghu vizzjat ghaliex dan gie moghti minnu bl-eskluzjoni pozittiva ta' diversi elementi essenzjali ghal validita' tal-istess zwieg, fosthom l-imhabba u li l-kontendenti jghixu ta' kopja f'unjoni fil-hajja kollha taghhom. Jidher anzi li l-konvenut ried jghix biss ghal rasu, jaljena ruhu f'kollox sabiex jinsa l-hajja li kien qed jghix mal-attrici, u sab is-serhan biss meta heles mill-istess rabta, u sab ruhu wahdu.

Illi dwar l-attrici jidher li hija kienet immatura' ghall-ahhar mhux biss minhabba l-eta' zghira li hija kellha meta zzewget, izda wkoll ghaliex halliet l-infatwazzjoni li kellha ghall-konvenut tigri biha, u donnu aktar ma' kellha lil min jifthilha ghajnejha, aktar dahlet ghaz-zwieg tigri, u dan meta hija stess tammetti li kellha diversi drabi xi tghid mal-konvenut anke qabel iz-zwieg, u kemm-il darba telqu lil xulxin, u meta hija kienet gja` ndunat li l-konvenut ma kienx juri li qed jiehu pjacir fil-presenza taghha.

Illi ghalhekk jidher li hawn tapplika dak li nghad fis-sentenza tat-Tribunal Regjonali ta' Halifax, fil-Kanada ***coram Morissey*** tat-23 ta' Gunju 1977 (**"Documentation II on Marriage Nullity Cases" –** ***Hudson J.E.*** pg.188) fejn inghad illi:-

*"When judging the validity or invalidity of a marriage, it is necessary to see whether, at the time of marriage, the parties were able to elicit a valid critical judgement of the rights and duties to be given and received".*

Illi dan huwa li din il-Qorti fil-fatt ghamlet u ghalhekk thoss li abbazi ta' dak premess it-talba attrici ghandha tigi milqugha, u dan abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255,** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fil-11 ta' Settembru 1993 huwa null u minghajr ebda effett fil-ligi u dan skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Dicembru 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Dicembru 2002**